# Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus 2020



## L-Università

25 u 26 ta' Marzu
9am–4pm

27 ta' Marzu
9am–tard

## Programm

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
għmu
DESA

## Wednesday 25 MARCH

**10 am**

**Żanżan Kelma** → Għaqda tal-Malti – Università

Żżż… Reġgħet waslet Żanżan Kelma, din id-darba l-Università! Studenti tas-sekondarja se jkollhom ċans jippartiċipaw fi spelling bee bil-Malti u jirbħu rigali sbieħ! *Żżż… Żanżan Kelma is back, this time on campus! Secondary school students will have the opportunity to participate in a Maltese spelling bee and win great prizes.*

**11 am**

**Tlaqna sal-Melitensia!** / Let's head to Melitensia! → Prof. Bernard Micallef, Dr Olvin Vella

Titlifx iċ-ċans li żżur in-naħa tal-Melitensia fil-Librerija tal-Università li normalment ma tkunx miftuħa għall-pubbliku! *Access the closed area of the Melitensia archives that is not usually open to the public!*

**11 am**

**Stejjer f'tiftixa għal skuża biex jiġu rrakkuntati** / Tales in search of an excuse for their telling → Dr Steve Borg, Michael Pio Deguara, Damian Spiteri (mod.)

Diskussjoni dwar ir-riċerka etnografika, l-etika fit-tiftix etnografiku, u d-dokumentazzjoni tal-ħajja fi kliem. *A discussion on ethnographic research, the ethics behind it, and the documentation of life into words.*

**12 pm**

**Aqta' Xiex: Kwiżż dwar l-ilsien Malti** / Guess what: A quiz about the Maltese language → Għaqda tal-Malti – Università & Inspire

L-'għ' u l-'h' fejn imorru? Dak il-verb ta' liem forma hu? U int l-ilsien Malti kemm tafu tassew? Ejja pparteċipa, urina x'taf u tgħallem aktar! *Where do the 'gh' and 'h' go? Which form does that verb pertain to? And how well do you know the Maltese language? Come participate, show us what you know and learn more!*

**1 pm**

**Iħalluna naqraw dak li jridu biss?** / Are we are told what we should read? → Prof. Charles Briffa, Robert Pisani, Prof. Ivan Callus, Teodor Reljić (mod.)

Taħdita dwar il-kotba favoriti tal-qarrejja, listi tal-qari, premji tal-kotba, reċensjonijiet u l-booktube: dawn qed jikkmandawna x'għandna naqraw? Tgħid jaffettwaw l-għażliet tal-qarrejja, il-kittieba u l-pubblikaturi? Nistgħu ngħallmu d-dixxerniment letterarju? *A discussion about readers' favourites, reading lists, book prizes, book reviews and booktube: do they dictate what we read? How do these affect readers', writers' and publishers' choices? Is it possible to teach discernment when it comes to literature?*

**2 pm**

**Il-Letteratura Maltija… bl-Ingliż** / Maltese Literature… in English → Prof. Ivan Callus, Prof. Clare Vassallo, Dr Norbert Bugeja, Prof. Adrian Grima (mod.)

Għaliex kittieba Maltin xi drabi jiktbu bl-Ingliż? Għaliex il-kotba Maltin għandhom jiġu tradotti għall-Ingliż? Kif jidħol il-bilingwiżmu? Ingħaqdu magħna għal diskussjoni dwar l-influwenzi taż-żewġ lingwi fil-letteratura. *Why do some Maltese writers write in English? Why should Maltese books be translated into English? How does bilingualism come into it? Join us for a discussion on the influence of both languages in literature.*

**3 pm**

**L-evoluzzjoni tar-rappreżentazzjoni queer: perspettivi mill-Istati Uniti u Malta** / The evolution of queer representation: perspectives from the US and Malta → Mark Doty, Dr Tyrone Grima, Marthese Formosa, Romario Sciberras (mod.)

Romario Sciberras imexxi diskussjoni dwar l-uċuħ u l-forom varji tal-kitba queer mal-poeta u kittieb ta' tifkiriet awtobijografiċi Amerikan Mark Doty, id-drammaturgu Tyrone Grima u Marthese Formosa, manager tal-proġett 'Kitba Queer'. *Romario Sciberras will be leading a discussion on the different forms and facets of queer writing with US memoirist and poet Mark Doty, local dramatist Tyrone Grima and Marthese Formosa, project manager behind 'Kitba Queer'.*

## Thursday 26 MARCH

**9 am**

**L-istorja tal-mara daqslikieku storja oħra** / Women's history as another history → Dr Veronica Veen, Michael Deguara

L-antropologa kulturali u storika tal-arti Veronica Veen f'diskussjoni teoretika u filosofika fl-isfond tat-tnedija tal-ktieb il-ġdid tagħha *Luċija tells… Women's history and experience of life on Gozo, Malta*. *Cultural anthropologist and art historian Veronica Veen will engage in a theoretical-philosophical talk as background to the launch of her new book Lucija tells… Women's history and experience of life on Gozo, Malta.*

**10 am**

**L-intervista lill-awtur** / The author interview → Prof. Susan Bassnett, Prof. Clare Vassallo

F'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija, u l-Istudji fl-Interpretar se jkollna magħna lit-teorista u skular tal-letteratura komparattiva, Prof. Susan Bassnett, li se tkun intervistata minn Prof. Clare Vassallo. *In collaboration with the Department of Translation, Terminology and Interpreting Studies, an interview by Prof. Clare Vassallo with translation theorist and scholar of comparative literature Prof. Susan Bassnett.*

**12 pm**

**Il-klabb tal-kotba: Niddiskutu *Firebird* ma' Mark Doty** / Book club: Discussing *Firebird* by Mark Doty → Mark Doty, studenti tal-Ingliż, Dr Mario Aquilina (mod.)

F'dan il-klabb tal-kotba studenti universitarji u postsekondarji jiddiskutu l-memoir *Firebird* ta' Mark Doty, il-mistieden speċjali tal-Festival, wara li jkunu qraw siltiet minnu. *University and post-secondary students discussing the memoir Firebird by Mark Doty, this year's international guest at the Campus Book Festival.*

**1 pm**

**Qawmien u tiġdid fit-teatru Malti** / The revival of theatre in Maltese → Dr Marco Galea, Sean Buhagiar, Simone Spiteri, Stephanie Bonnici (mod.)

Kif reġa' qam fuq saqajh it-teatru Malti? Għaliex hu relevanti? Drammaturgi u studjużi tat-teatru jiddiskutu t-teatru kontemporanju Malti. *How did Maltese theatre regain its popularity? Why is it relevant? Theatre experts and playwrights discuss contemporary Maltese theatre and its revival.*

**2 pm**

**Ir-rumanz tad-detective f'Malta** / Detective fiction in Malta → Mark Camilleri, Dr Krista Bonello Rutter Giappone, Chris Gruppetta

Jiltaqgħu kritiku letterarju, awtur u pubblikatur biex jitkellmu dwar il-finzjoni skont il-ġeneru f'kuntrast mal-finzjoni usa' jew aktar letterarja f'Malta, b'rabta mar-rumanzi tad-detective u l-misteru. *A discussion involving a literary critic, an author and a publisher on the divide between genre fiction, and literary and mainstream fiction in Malta, with a specific reference to mystery and detective fiction.*

**3 pm**

**Tnedija ta' *Bil-Bieb Mitbuq*** / Book launch of *Bil-Bieb Mitbuq* → Kevin Saliba and Tyrone Grima

Tnedija uffiċjali ta' *Bil-Bieb Mitbuq* (Pjattaforma, 2020), traduzzjoni għall-Malti minn Kevin Saliba tad-dramm ta' Jean-Paul Sartre *Huis Clos*. *Official launch of Bil-Bieb Mitbuq (Pjattaforma, 2020), Kevin Saliba's Maltese translation of Jean-Paul Sartre's play Huis Clos (No Exit).*

## Friday 27 MARCH

**9 am**

**_San Ġlormu Jikteb_ ta' Caravaggio: Is-serqa, is-sejba u r-restawr** / _Caravaggio's St Jerome Writing_: The theft, recovery and restoration → Fr. Marius J. Zerafa

Lekċer minn Fr. Zerafa li kien id-Direttur tal-Mużewijiet ta' Malta fl-1984 meta nsterqet il-pittura famuża ta' _San Ġlormu Jikteb_ ta' Caravaggio (illum esebita fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann). Il-ħalliela kienu kkuntattjaw lil Fr. Zerafa li kien involut personalment fis-sejba u r-restawr tal-pittura. _A lecture by Fr. Zerafa, who was the Director Museums in Malta in 1984 when the famous St Jerome Writing painting by Caravaggio (today exhibited at St John's Co-Cathedral) was stolen. The thieves contacted Fr. Zerafa, who was from then on personally involved in the recovery of the Caravaggio and its restoration._

**10 am**

**Tista' l-prostituzzjoni ssaħħaħ lin-nisa?** / Can prostitution empower women? → Dr Christine Muscat, Dr Emanuel Buttigieg, Dr Andrea Dibben (mod.)

Immorru lil hinn minn ħsibijiet dommatiċi biex nitkellmu dwar is-sess bħala mezz ekonomiku, billi nanalizzaw il-ktieb _Public Women: Prostitution in Early Modern Valletta_ ta' Dr Christine Muscat, finalist tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2019. _A discussion that moves away from any dogmatic assumptions on sex as an economic means, stemming from an analysis of the book Public Women: Prostitution in Early Modern Valletta by Dr Christine Muscat, shortlisted for the National Book Prize in 2019._

**11 am**

**Presentazzjoni ta' ktieb: _Fortress Colony. The Final Act 1945-1964_** / Book Presentation → Prof. Joseph M. Pirotta, Fr Joe Borg (Midsea Books)

Fr. Joe Borg jiddiskuti ma' Prof. Joseph M. Pirotta dwar is-snin imqallba li ġew qabel l-Indipendenza. Il-preġudizzji storiċi u l-għidut se jitpoġġew f'perspettivi ddokumentati qatigħ. _Fr Joe Borg talks with Prof Joseph M. Pirotta about the turbulent years preceding Malta's Independence. Historical prejudice and hearsay are put into a highly documented perspective._

**12 pm**

**Stejjer magħrufin u minsijin fl-istorja tal-filosofija (50 sena wara Bertrand Russell)** / Stories known and forgotten in the history of philosophy (50 years after Bertrand Russell) → Dr Kurt Borg, Robert Farrugia Flores, Michael Grech, Dr Jean-Paul De Lucca (mod.)

Taħdita dwar l-istejjer u ilħna varji li jsawru l-istorja tal-filosofija, 50 sena mill-mewt tal-awtur tal-ktieb inflwenti _A History of Western Philosophy_ (1945). _Revisiting Philosophy's plural histories and its forgotten voices, 50 years from the death of the author of the influential, A History of Western Philosophy (1945)._

**1 pm**

**Il-politiki identitarji u n-nuqqas ta' rappreżentazzjoni: il-kuntest Malti** / Identity politics and underrepresentation: a Maltese context → Ranier Fsadni, Ahmed Zanya Bugri, Andrè Callus (mod.)

Esperti f'dal-qasam jiddiskutu kif il-politika identitarja tlaħħam il-parteċipazzjoni attiva tal-minoritajiet f'Malta, u se jistaqsu wkoll jekk hemmx traċċi ta' din l-imġiba politika f'kuntest fejn il-minoritajiet mhumiex rappreżentati b'mod ekwu. _Experts in the field will look at how identity politics shapes active participation by minorities living in Malta, asking if this political approach can actually be traceable in a context where minorities are underrepresented._

**2 pm**

**Ir-rabta tal-filosofija mat-teknoloġija u l-informazzjoni** / Philosophy at the interface with technology and information → Enrico Panai, Francois Zammit

Enrico Panai, l-ispeċjalista fl-Interazzjoni tal-Informazzjoni Umana u l-awtur ta' _Skip! The Art of Avoiding Projects_, f'konverżazzjoni ma' Francois Zammit dwar l-applikazzjoni tal-filosofija fl-isfidi tal-lum il-ġurnata. _Human Information Interaction Specialist and author of Skip! The Art of Avoiding Projects Enrico Panai in a conversation with Francois Zammit on the application of philosophy to address present day challenges._

**3 pm**

**L-intervista lill-awtur** / The author interview → Mark Doty, Prof. James Corby

Il-poeta u kittieb ta' tifkiriet awtobijografiċi Mark Doty intervistat minn Prof. James Corby dwar id-damma ta' xogħlijietu li tinkludi l-poeżija, il-memoir u l-kitba akkademika. _Poet and memoirist Mark Doty, the Campus Festival's international guest, interviewed by Prof. James Corby on his body of work, which includes poetry, memoirs and academic writings._

**4 pm**

**Il-limiti tal-adattament letterarju** / The limits of literary adaptation → Franica Pulis, Prof. Saviour Catania, Rebecca Anastasi, Kenneth Scicluna (mod.)

Kif ħassejtu l-ktieb, aħjar mill-film? Diskussjoni dwar il-firxa wiesa' ta' adattamenti letterarji, ispirata mill-film qasir _Ġulina_ (dir. Peter Sant) adattat min-novella ta' Alfred Sant. L-iskrinjar tal-film qasir _Ġulina_. _Was the book better than the movie? A discussion about the breadth and range of literary adaptation inspired by the short film Ġulina (dir. Peter Sant), adapted from Alfred Sant's story of the same name. The discussion will follow the film screening of Ġulina._

**5 pm**

**'Ma rridx ngħix Dubaj, wisq anqas Singapore' - L-arti tal-protesta** / 'I don't want to live in Dubai, much less in Singapore' - The art of protest → Immanuel Mifsud, Antoine Cassar, Adrian Grima, Wayne Flask, Nadia Mifsud, Mario Vella, Alex Vella Gregory, Noah Fabri, Jean Paul Borg (mod.)

Diskussjoni fuq il-letteratura u l-mużika ta' protesta fi żminijiet ta' tweġħir politiku b'referenza għall-aktar kontribuzzjonijiet artistiċi riċenti. _A roundtable discussion on literature and music of protest in troubled times, with reference to the most recent contributions of local artists and writers._

**6 pm**

**Tnedija ta' ktieb: _Dellijiet Jgħajtu fir-Ras. Mario Azzopardi: Poeżija, Narrattiva, u Kummiedja Soċjali_** / Book launch → Prof. Charles Briffa (Horizons)

F'dan il-ktieb ta' Prof. Charles Briffa se naraw lil Azzopardi fil-partijiet tiegħu ta' poeta, prożatur, poesejist, pittur, kritiku, ġurnalist kulturali (artikolist), direttur tat-teatru, editur, u għalliem. _In this book by Prof. Charles Briffa we experience the various facets of Azzopardi as a poet, writer of prose, *poesejist*, painter, critic, cultural journalist, theatre director, editor and teacher._

**6:45 pm**

**Palk Ħieles u mużika ta' protesta live mal-mistieden speċjali Mark Doty** / Open mic and live music of protest with international guest Mark Doty → Inizjamed, KNK

Ingħaqdu magħna għal serata oħra ta' Palk Ħieles waqt il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, dis-sena b'tema partikulari u kurrenti: il-protesta. Ikun hemm ukoll il-mistieden speċjali Mark Doty. _Join us for another night in the series Palk Ħieles during the Campus Book Festival, this year with a particular and current theme: protest. International guest of the Campus Book Festival Mark Doty will be present._

## PARTEĊIPANTI

BDL · merlin publishers · Faraxa · Infinity Books · Ħajt Afrikana Ltd · Horizons · SKS · EDE Books · Midsea Books Ltd · Inizjamed

## ORGANIZZATURI

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb · għsu · DESA

ktieb.org.mt